# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 12 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Nru.: 94/16 CSH**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali 1037/2016**

**Malta Enterprise u Malta Industrial Parks Limited (C28965)**

**vs**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Malta Enterprise u Malta Industrial Parks Limited (C28965) ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Mejju, 2016 fejn esponew is-segwenti:

"*Illi permezz ta' ittra ufficjali tas-27 ta' April 2016, kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata 'Dok. X', l-esponenti gew interpellati jhallsu s-somma ta' €2,557.28 rapprezentanti ammont skond fattura annessa filwaqt li nghad li tali*

*ittra ufficjali hija wkoll dikjarazzjoni guramentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12;*

*Illi l-esponenti jopponu t-talba tal-intimat stante li din hi nfondata ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi preliminarjament, il-procedura adoperata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 hija* **nulla u kwindi bla effett** *ghas-segwenti ragunijiet:*

   a) *Billi ma giet notifikata ebda dikjarazzjoni kif irid l-Art. 466 tal-Kap. 12 izda biss ittra ufficjali li giet konfermata bil-gurament quddiem prokuratur legali mahtur kummissjonarju b'setgha li jaghti l-guramenti; u/jew*

   b) *Billi l-mittenti Tabib Principali tal-Gvern, intimat fil-proceduri odjerni, mhuwiex kap ta' dipartiment skond id-disposizzjonijiet tal-Art. 10 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 497) u t-Tieni Skeda tal-istess Att u kwindi ma jistax jitqies bhala "kap ta' dipartiment tal-gvern" ghall-ghanijiet tal-Art. 466 tal-Kap. 12; u/jew*

   c) *Billi l-att in kwistjoni ma giex konfermat bil-gurament quddiem ir-registratur, Imhallef jew Magistrat; u/jew*

   d) *Billi fl-att in kwistjoni ma jirrizultax kif trid il-ligi isem id-debitur, tant li l-ittra giet indirizzata "Malta Enterprise Malta Industrial Parks Limited" li huma zewg entitajiet separati u distinti, wahda mwaqqfa b'ligi u l-ohra socjeta' b'responsabilita' limitata; u/jew*

   e) *Billi x-xorta tad-dejn u cioe' "Trenching and Fibre Works at St. Luke's" ma jaqghux fil-kategoriji ta' debiti li dwarhom tista' tigi*

*adoperata l-proceduri ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 liema disposizzjoni tapplika dwar "kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u/jew dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti";*

2. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-ammont reklamat gjaladarba jirrisali ghal qabel l-2013 huwa* **preskritt** *bil-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini tal-Art. 2149(a) tal-Kap. 16;*

3. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talba tal-intimat ghall-hlas tas-somma pretiza hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ebda somma ma hi dovuta mill-esponenti jew min minnhom ghal "Trenching and Fibre Works at St. Luke's";*

*Ghaldaqstant, ghall-mottivi premessi, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tal-intimat bhala wahda infondata a tenur tal-Art. 466 tal-Kap. 12 u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez.*"

Rat id-digriet taghha ta' l-10 ta' Mejju 2016 fejn ordnat li dan ir-rikors jigi notifikat lill-intimat u appuntat dan l-istess rikors ghas-smiegh ghal nhar it-28 ta' Gunju 2016.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2016 deher ir-rikorrenti assistit u Dr. Josette Sultana ghall-intimat li talbet zmien sabiex tipprezenta ir-risposta taghha u Dr Marisienne Vassallo ghar-rikorrenti oggezzjonat ghal tali talba rikorrenti u b'hekk ir-rikors thalla ghal provediment ghal nhar il-5 ta' Lulju 2016.

Rat illi fil-5 ta' Lulju 2016 inghata provediment fejn din l-istess Qorti kienet cahdet it-talba ta' l-intimat sabiex jinghata zmien sabiex jipprezenta ir-risposta tieghu u dan ghaliex it-terminu preskritt mill-ligi (ghall-prezentata tar-risposta f'kaz ta' rikors maghmul ai termini tal-Artikolu 466 huwa statutorjament previst ghal ghxorin jum kif kontemplat fis-sub artikolu (2) ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta) kien skada.

Rat li ghalhekk l-intimat baqa' ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talba rikorrenti u dan ir-rikors gie trattat fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2016 u llum jinsab differit ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Bhala fatt u dan mhux kontestat jirrizulta li l-intimat kien ipprezenta ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta nhar is-27 ta' April 2016 fil-konfront ta' Malta Enterprise gewwa l-indirizz 'Malta Industrial Parks Limited' ta' Gwardamangia Hill, Pieta' fejn talab li jithallas is-somma ta' €2,57.28 rapprezentanti '*trenching and fibre works at St. Luke's'* skond l-invoice esebita a fol 3a Dok A.

Illi mhux kontestat li flimkien ma' din l-ittra ufficcjali ma giet prezentata l-ebda dikjarazzjoni quddiem Imhallef, Magistrat jew Registratur izda l-ittra ufficcjali ut sic giet mahlufa minn Dr Vella Baldacchino quddiem il-Prokuratur Legali Nadine Farrugia kif jidher minn ezami tat-timbru li hemm fuq l-att a fol 3 tal-process.

Illi r-rikorrenti ipprezenta dan ir-rikors odjern fejn qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara t-talba ta' l-intimat bhala wahda infondata a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan a bazi ta' diversi ragunijiet imressqa minnu fosthom is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti ma gie **qatt** notifikat b'dikjarazzjoni kif jiddisponi l-Artikolu 466 (2) tal-Kapitolu 12 u ghalhekk l-att huwa *in se* rritwu u null.
2. Illi t-Tabib Principali tal-Gvern, u cioe' l-intimat odjern mhux kap ta' Dipartiment skond l-Artikolu 10 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap 497) u t-Tieni skeda tal-istess Att u kwindi ma jistax jitqies bhala 'Kap ta' Dipartiment tal-Gvern' ghall-ghanijiet ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi l-att in kwistjoni ma giex konfermat quddiem Imhallef, Magistrat jew Registratur tal-Qori kif previst fil-ligi u ghalhekk l-att promotur huwa ukoll null ghal din ir-raguni.
4. Illi fl-att in kwistjoni u cioe' fl-ittra ufficcjali ma jirrizultax kif trid il-ligi isem id-debitur waqt li l-ittra giet indirizzata 'Malta Enterprise Malta Industrial Parks Limited' li huma zewg entitajiet separati u distinti wahda imwaqfa b'ligi u l-ohra socjeta' b'responsabilita' limitata.
5. Illi x-xorta ta' l-allegat dejn '*Trenching and Fibre works at St. Luke's*' ma jaqghux fil-kategoriji ta' debitu li dwarhom tista' tigi adoperata l-procedura ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 liema disposizzjoni tapplika dwar *"kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u/jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti"*;

Illi ghalhekk din il-Qorti fl-ewwel lok trid tara jekk l-att promotur kif gie intavolat mill-intimat odjern u cioe' l-ittra ufficcjali datata 27 ta' April 2016 hix skond il-provediment tal-ligi.

L-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rapprezentanza legali ta' korp maghqud stabbilit bil-ligi jew b'rapprezentanza legali ta' xi kumpanija jew korp iehor li jkun hekk*

*awtorizzat, bi jew taht kull ligi, sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, ikun irid jagixxi sabiex jingabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi ufficcju amministrattiv tieghu jew lil korp maghqud stabbilit fil-ligi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut;*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti ghall-provvediment ta' ilma w elettriku u ghall-kiri ta' meters relatati izda ma ghandhomx japplikaw meta qabel ma tinghata n-notifika mehtiega taht is-subartikolu (2), il-persuna li minghandha l-ammont qed jigi mitlub tkun avzat lir-rikorrent sew permezz ta' att gudizzjarju jew permezz ta' ittra registrata li qieghda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provvdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.*

*(2) Id-dikjarazzjoni imsemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata1. (3) Ir-rikors prezentat skont is-subartikolu (2) ghandu jigi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin jum. Il-qorti tghaddi biex tappunta dak ir-rikors ghas-smigh f'jum li jigi wara li jghaddi dak iz-zmien.*

Mill-imsemmi Artikolu tal-Ligi u senjatament mis-subartikolu (2) ta' l-istess jirrizulta b'mod car li d-dikjarazzjoni guramentata maghmula a tenur tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu ghandha tigi notifikata lid-debitur tant li tipprovdi terminu ghall-intimat sabiex dan ikun f'posizzjoni li jikkontesta il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni f'kaz li ma jaqbilx mal-kontenut tad-dikjarazzjoni u dan ghandu isir bil-mod u entro z-zmien previst fil-Ligi. Fin-nuqqas, tkompli tipprovdi l-ligi li, dik id-dikjarazzjoni jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti bil-konsegwenza ghalhekk li l-kreditur ikun jista' jghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tieghu fil-konfront tad-debitur.

Fil-kaz in odjern l-intimat ma pprezenta l-ebda dikjarazzjoni kif rikjest fis-sub artikolu (2) ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ir-rikorrent odjern qed jeccepixxi fl-ewwel lok in-nullita' ta' dan l-istess att li gie pprezentat skond l- Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk jirrizulta *ad validitatem* li d-dikjarazzjoni msemmija fis-sub Artikolu 1 ta' l-Artikolu 466 hija rikjesta *sine qua non* daqs kemm hu rikjest li tali dikjarazzjoni tigi in segwitu mahlufa quddiem ir-Registratur, Imhallef jew Magistrat u li fiha l-allegat kreditur ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.

Illi ghalkemm din il-Qorti mhix favur il-formalismu zejjed fil-proceduri tal-Qrati ma tistax pero' mill-banda l-ohra ma tqisx l-osservazzjoni illi meta l-ligi tipprovdi l-mod dwar kif ir-rit procedurali ghandu jigi segwit, u l-parti ma taghmilx uzu minnu, dik il-procedura hekk uzata ma jkollha ebda effikacja u ma tistax hlief tkun kolpita b'irritwalita`. Din il-kwistjoni odjerna mhix kwistjoni ta' formalizmu zejjed izda pjuttost ta' sikurezza processwali dettata mil-ligi li *nolens volens* ghandha tigi mharsa u segwita ghar-regolarita` ta' proceduri. M'hemmx dubju illi l-iskop tal-legislatur li ntroduca dan l-artikolu

citat u cioe' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bl-Att *XXIV tas-sena 1995* kien dak li kemm jista' jkun li l-procedura dettata tigi segwita u dan sabiex ikun hemm l-isperanza ta' inqas kawzi li jigu prezentati fil-Qrati taghna.

Din il-konkluzzjoni tal-Qorti ssib konferma fil-principju enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet '**Josephine Bonello pro et noe v. John Bonello'**, Citaz. Nru. 2657/99 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003: *trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens* (**Vol. XVIII pI p879, Vol. XLIX pI p421**). Din mhix kwistjoni ta' legalizmu jew formalizmu zejjed. Hi invece kwestjoni ta' applikabilita o meno ta' norma procedurali specjali. Il-Qorti temmen, bhal qrati ohra qabilha illi "waqt li formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat m'ghandux lanqas pero jidhol jew jigi inkoraggit permessivizmu ingustifikat" (**Vol. XXXII pI p712**, "**Francis T. Gera noe v. Ed. Camilleri et**" Apell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973).

*'Sa recentement gie rimarkat illi l-Qrati jridu japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom l-ebda diskrezzjoni la li jaddotawhom b'mod approssimattiv skond li jidhrilhom li hu gust u ekwu fic-cirkostanzi u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li l-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu mprovvizati f'dawk ic-cirkostanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati u emaskulati proceduri ohra espressament provduti bil-ligi.* (**Kummissarju tat- Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri**" Appell, 6 ta' Ottubru 2000).

Ghaldaqstant stante li din il-Qorti hija tal-fehma li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni annessa mal-Ittra Ufficcjali prezentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu

12 tal-Ligijiet ta' Malta hija rikjesta *sine qua non,* din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tkompli titratta mar-ragunijeit l-ohra mressqa mill-istess rikorrenti sabiex iwasslu lil din il-Qorti tiddikajra li l-procedura wzata mill-intimat hija monka stante li l-ittra ufficcjali ma kinitx akkompanjata bid-dikjarazzjoni rikjesta mill-ligi.

**Ghalhekk, din il-Qorti tilqa' it-talba rikorrenti u tiddikjara nulla l-procedura uzata mill-intimat fir-rigward tal-prezentata ta' l-ittra ufficcjali fl-ismijiet inversi datata 27 ta' April 2016.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma kollha a karigu ta l-istess intimat.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**